

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 43/2010

tat-30 ta' April 2010

li jemenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/786/KE tas-26 ta' Ottubru 2009 li teħles lir-Renju Unit minn ċerti obbligi li japplika d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE fir-rigward tal-*Avena strigosa* Schreb. ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 78 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/462/KE) taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KAŻ TAGĦHOM" fil-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim:

"79. **32009 D 0786:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/786/KE tas-26 ta' Ottubru 2009 li teħles lir-Renju Unit minn ċerti obbligi li japplika d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE fir-rigward tal-*Avena strigosa* Schreb għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim. (ĠU L 281, 28.10.2009, p. 5)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/786/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

⁽¹⁾ ĠU L 101, 22.4.2010, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 281, 28.10.2009, p. 5.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.